**Data: 9 ta' Gunju, 2026**

**Suġġett: Addendum Nru. 2 taċ-Ċirkulari 01/2026 - Chart of Accounts (COA) – Verżjoni tat-09 ta' Ġunju 2026**

Dan huwa t-tieni addendum taċ-Ċirkulari 01/2026 dwar il-Chart of Accounts (COA), li kienet oriġinarjament maħruġa fit-2 ta' Marzu 2026, wara l-addendum preċedenti tal-24 ta' Marzu 2026.

## 1. Chart of Accounts Aġġornat

Il-Chart of Accounts (COA) ġiet imfassla biex tirrifletti l-ħtiġijiet individwali ta' kull Kunsill, fuq il-bażi tal-informazzjoni kkomunikata lill-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (DGL).

Matul dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-proċess li bih il-Kunsilli huma mitluba jfittxu gwida u approvazzjoni mid-DGL għall-ħolqien ta' kontijiet nominali ġodda kellu rwol importanti biex jiżgura livell adegwat ta' konsistenza u standardizzazzjoni fis-settur kollu.

Bħalma jiġri normalment fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' qafas ġdid ta' kontabilità, kien hemm il-bżonn li jsiru diversi aġġornamenti u titjib fil-COA. Huwa mistenni li dawn jistabbilizzaw gradwalment ladarba l-proċess ta' tranżizzjoni għall-2026 ikun tlesta u l-ħtiġijiet operattivi tal-Kunsilli jkunu ġew riflessi b'mod adegwat fil-qafas standardizzat.

Għaldaqstant, wara sensiela ta' laqgħat, konsultazzjonijiet u komunikazzjoni kontinwa mal-Kunsilli, id-Diviżjoni ħejjiet verżjoni aġġornata tal-COA li tinkludi żidiet fil-kontijiet nominali.

F'dan ir-rigward, il-verżjoni mehmuża tad-dokument datata 09 ta' Ġunju 2026 qed tintbagħat lill-Kunsilli kollha sabiex ikunu infurmati dwar il-kontijiet nominali addizzjonali introdotti. Il-kontijiet ġodda huma enfasizzati bl-aħmar.

## 2. Talbiet Futuri għal Emendi

Il-Chart of Accounts hija dokument dinamiku li jista' jiġi aġġornat biex jirrifletti ċirkostanzi u rekwiżiti li jkunu qed jinbidlu maż-żmien. Huwa importanti li l-Kunsilli kollha jsegwu COA uniformi.

Għaldaqstant, kwalunkwe suġġeriment għal emendi għandu jintbagħat bil-miktub lid-DGL permezz tal-email: compliance.dlg@gov.mt.

Kull tibdil approvat jiġi kkomunikat formalment mid-DGL lill-Kunsilli kollha.

Id-Diviżjoni tapprezza l-kooperazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex dawn l-aġġornamenti jiġu implimentati bl-aħjar mod.

Is-Segretarji Eżekuttivi huma mitluba jgħaddu din il-komunikazzjoni lill-accountant tagħhom u jikkonfermaw dan billi jibagħtu email fuq: compliance.dlg@gov.mt.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

Tislijiet sinċieri,

Clare Bugeja ACCA, CPA, MIA, M.A. Fin. Serv.(Melit.), B.Com. (Hons)
Director (Finance and Procurement Compliance)
Finance and Procurement Directorate
Local Government Division